MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 312/2003

**Auto Sales Ltd**
**vs**
**Mario Fenech u martu Martha Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma ta' elf disa' mija u wiehed u sebghin lira u tmien centezmi (Lm1971.08,0) rappresentanti l-ammont dovut import ta' diversi kambjali kif jirrisulta mill-kambjalijiet annessi (dok. A1 sa A19).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 7 ta' Awissu 1998, 3 ta' Gunju 1999, 28 ta' Marzu 2001 u 16 ta' Mejju 2001 bl-Imghax legali bir-rata ta' 8% fis-sena mid-dati rispettivi ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-annessi kambjalijiet minn fol 2 sa fol 20 tal-istess atti kif ukoll id-dokument a fol 21 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet attrici, liema nota giet presentata illum stess ‘seduta stante’ u li hi ffirmata mill-istess konvenuti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf disgha mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u tmien centezmi (Lm1971.08,0) bl-imghax legali ta’ 8% mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala esebita mal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-7 ta’ Awissu 1998, tat-3 ta’ Gunju 1999, tat-28 ta’ Marzu 2001 u tas-16 ta’ Mejju 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------